

32006R0957

29.6.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 175/45

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 957/2006**tat-28 ta' Ġunju 2006****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 48/90**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiżgura l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-oġġetti li hemm referenza għalihom fl-Anness għal dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija kollha kemm hi jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali għaliha u li hija stabbilita skont dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiġu kklassifikati skont il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni li torbot dwar it-tariffi li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tiġi invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-

¹ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 838/2006 (ĠU L 154, 8.6.2006, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità².

- (5) Il-klassifikazzjoni ta' 'dot-matrix displays' fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 48/90 tad-9 ta' Jannar 1990 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda³ wasslet għal klassifikazzjonijiet mhux korretti u għaldaqstant, il-punt 2 tal-Anness għal dak ir-Regolament għandu jiġi revokat.
- (6) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali għadu ma tax opinjoni fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit mill-president tiegħu fir-rigward tal-prodott Nru 3 fit-tabella annessa.
- (7) Il-miżuri li huma pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali fir-rigward tal-prodotti Nru 1 u 2 fit-tabella annessa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċijiet NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni li torbot dwar it-tariffi maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Il-Punt 2 tal-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 48/90 huwa revokat.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

² ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

³ ĠU L 8, 11.1.1990, p. 16. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 705/2005 (ĠU L 118, 5.5.2005, p. 18).

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
<p>1. Displej grafiku u alfa-numeriku bbażat fuq it-teknoloġija ta' displej bil-kristalli likwidi, monokromatiku, b' matriċi passivi.</p> <p>Id-displej huwa magħmul minn saff ta' kristalli likwidi maqbud bejn żewġ folji jew plejts tal-ħġieġ b' għadd ta' tikek (ippreżentati f' 64 linja u 240 kolonna) u f' bord ta' interface elettroniku ta' teknoloġija C-MOS.</p> <p>Jista' jiġi inkorporat ma' prodotti oħrajn.</p> <p>Mhuwiex kapaċi juri immaġnijiet b' vidjow</p>	85312095	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 8531, 853120 u 85312095.</p> <p>Id-displej għandu bord ta' interface elettroniku. Għalhekk ma jistax jiġi kklassifikat bħala apparat bi kristalli likwidi ta' intestatura 9013 (ara wkoll in-Noti ta' Spjega HS għall-intestatura 9013 (1)).</p> <p>Id-displej ma jinkorporax elettroniki li jirriproduċu s-sinjali b' vidjow. Għalhekk ma jistax jiġi kklassifikat bħala monitor għal vidjow ta' intestatura 8528.</p> <p>Id-displej huwa panil indikatur tal-intestatura 8531 minħabba li huwa kapaċi biss juri grafiċi u karattri alfa-numeriċi (ara wkoll in-Noti ta' Spjega tal-HS għall-intestatura 8531 (D)).</p>
<p>2. Prodott, magħruf bħala 'LCD module (tip ta' skrin li bil-funzjoni tal-mess)' fil-forma ta' apparat bi kristalli likwidi matriċi attiv b' unit tad-dawl fuq wara wara, invertituri u bords ta' ċirkuwiti stampati b' elettroniki ta' kontroll għall-indirizzar ta' pixels biss. L-apparat bil-kristalli likwidi huwa magħmul minn saff ta' kristalli likwidi maqbuda bejn żewġ folji tal-ħġieġ. Is-saff ta' barra taċ-ċelloli tal-ħġieġ huwa miksi b' saff irqiq li jirreżisti u li jgħaddi l-elettriku minnu.</p>	85489090	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 2(ċ) għas-Sezzjoni XVI u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 8548, 854890 u 85489090.</p> <p>Il-modulu huwa parti li mhijex xierqa sabiex tintuża biss jew prinċipalment ma' tip partikolari ta' magna tas-Sezzjoni XVI. Għalhekk huwa kklassifikat taħt l-intestatura 8548 permezz ta' Nota 2(ċ) għas-Sezzjoni XVI.</p>

<p>Il-modulu huwa bbażat fuq teknoloġija ta' tranżister ta' film irqiq (TFT). Għandu dimensjonijiet totali ta' 34,5 (W) × 35,3 (H) × 16,5 (D) ċm u kejl dijagonali tal-iskrin ta' 38,1 ċm (15-il pulzier).</p> <p>Il-modulu ma jinkorporax xi komponenti elettroniċi oħrajn (per eżempju, enerġija elettrika, “video converter”, “scaler”, tjuner, eċċ.), jew interfaces li jintużaw għal tqabbid ma' apparat ieħor.</p>		
<p>3. Prodott, magħruf bħala ‘LCD module’ fil-forma ta' apparat bi kristalli likwidi matriċi attiv b'unit tad-dawl fuq wara, invertituri u bords ta' ċirkuwiti stampati b'elettroniċi ta' kontroll li jindirizzaw pixels biss.</p> <p>Il-modulu huwa bbażat fuq teknoloġija ta' “tħin-film transistor” (TFT). Għandu dimensjonijiet totali ta' 75.9 (W) × 44.9 (H) × 4.9 (D) ċm u kejl dijagonali ta' 81.6 ċm (32 pulzier) u riżoluzzjoni ta' 1366 x 768 pixels.</p> <p>Il-modulu ma jinkorporax xi komponenti elettroniċi oħrajn (per eżempju, enerġija elettrika, “video converter”, “scaler”, tjuner, eċċ.), jew interfaces li jintużaw għal tqabbid ma' apparat ieħor..</p>	85299081	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 2(b) għas-Sezzjoni XVI u permezz tat-test tal-kodiċijiet NM 8529, 852990 u 85299081.</p> <p>Il-modulu ma jistax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 9013 minħabba li jinkludi unit ta' dawl li jiġi minn wara, invertituri u bords ta' ċirkuwit stampat b'elettroniċi ta' kontroll li jindirizzaw il-pixels biss (ara wkoll in-Noti ta' Spjega HS għall-intestatura 9013 (1)).</p> <p>Il-modulu ma jistax ikun ikklassifikat taħt l-intestatura 8473 bħala parti mill-unit tad-displej ta' magna awtomatika li tipproċessa d-dejta, minħabba li mhuwiex xieraq sabiex jintuża biss jew prinċipalment ma' magna awtomatika li tipproċessa d-dejta taħt l-intestatura 8471.</p> <p>Il-modulu ma jistax ikun ikklassifikat taħt l-intestatura 8531, minħabba li mhuwiex meqjus bħala apparat li jagħmel sinjali vicivi elettroniċi taħt l-intestatura 8531 jew bħala parti minn tali apparat minħabba l-karatteristiċi tiegħu (ara wkoll in-Noti ta' Spjega tal-</p>

		<p>HS għall-intestatura 8531).</p> <p>Minħabba l-karatteristiċi tiegħu (bħad-dimensjonijiet u r-risoluzzjoni), il-modulu jista' jkun ikklassifikat taħt l-intestatura 8529 minħabba li huwa xieraq għall-użu biss jew prinċipalment ma' apparat ta' intestatura 8528.</p>
--	--	---